# FUNERALI MALTIN

IL-ĦAJJA ta' bniedem aktarx tista' taqsamha fi tliet bċejjeċ: twelid, żwieġ u mewt. Jekk tiflu sew id-drawwiet ta' kull art issibu li n-nies dejjem, b'xi mod jew ieħor, tagħmel festa għal kull waħda minn dawn il-ġrajjiet. M'għanniex xi ngħidu, il-festi tat-twelid u tat-tieġ xejn ma għandhom x'jaqsmu ma' dik tal-mewt. Daqs kemm ferrieħa l-ewwel tnejn daqshekk imnikkta ta' l-aħħar.

Aħna f'Malta kellna wkoll id-drawwiet tagħna li l-lum aktarx inqatgħu mħabba t-taħlit ma' nies ġodda. Jien fet-tilli nagħżel dik tal-*funerali* għax deherli li tassew mhux ta' min jinsiha.

Hekk kif il-marid kien jieħu l-aħħar nifs, il-kamra fejn ikun miet inneżżgħuha mill-mobbli kollha, il-ħitan jiksuhom bi drapp iswed, iqiegħdu l-mejjet fin-nofs u ma' dwaru jinġabru jibku u jolfqu kemm il-qraba u kemm il-ħbieb.

F'dan il-waqt ta' niket kbir jiġu msejħa n-Newwieħa, li kif jidħlu d-dar jibdew jixhru u jqattgħu xagħarhom. Dawna jmorru fis-sala wara li mill-bitħa jkunu ħasdu d-dilja, li kull dar kien ikollha, jieħdu l-isbaħ biċċa fajenza li jkun hemm u jkissruha ma' l-art, jiġbru l-frak tagħha u b'dan, imħallat ma' rmied, jagħmlu bħal żebgħa sewda li biha jċappsu l-bibien kollha.

Wara, jiġru minn kamra għal l-oħra u jkissru l-qsari li jsibu billi jixħtuhom mit-twieqi jew isabbtuhom ma' l-art, fl-istess ħin jibku u jkantaw għana ta' dìq il-qalb. Minn hawn imorru jsibu lin-nies tal-familja u minn għandhom jitgħallmu x'kienu d-drawwiet tal-mejjet jew mejta, u b'ġirja jidħlu fil-kamra tal-mejjet, jinxeħtu ma' dwaru u jibdew ifaħħruh u jibkuh; bosta drabi kienu jinsġu t-tifħir f'taqbil. Wara kull taqbila dawna, u magħhom il-qraba, iqattgħu xagħarhom u jitfgħuh fuq il-mejjet. Kienu jibqgħu sejrin hekk sa kemm jasal il-waqt li l-mejjet jiġi meħud għad-dfin.

Meta jasal il-ħin, jiġu *r-reffiegħa*, bosta drabi ħbieb il-mejjet stess. Dawna jerfgħu t-tebut, jitilqu għall-knisja, quddiemhom in-nies tal-familja libsin l-iswed b'rashom baxxuta lejn l-art, in-nisa b'dublett twil iswed, imsejjaħ kurkar għax ikarkar ma' l-art, warajhom it-*Tibicini* jew daqqaqa tal-flawt u warajhom il-kleru.

Meta jaslu l-knisja kienu jqegħduh fin-nofs b'faldrappa kbira sewda mixħuta fuqu li tattih kollu. Wara l-quddies u l-funzjoni kien isir id-dfin; il-mejjet iqegħdulu taħt rasu imħadda mimlija bil-weraq tar-rand jew tal-laring, u, wara, iniżżluh fil-qabar. Fuq il-qabar titqiegħed faldrappa sewda, li kienet titħalla għal bosta granet.

Wara kien imur kullħatt id-dar, il-familja kienet tingabar f'kamra u kullħadd bil-qiegħda fl-art kienu jibku u jfaħħru 'l-mejjet jew jitolbu għar-ruħu.

F'dik id-dar, għal tlitt ijiem, ma kienx jitkebbes nar u nies il-mejjet igħixu billi l-ħniena tal-girien kienet tgħinhom. F'dan iż-żmien kienu jieklu fl-art. In-nisa tad-dar ma joħorgux qabel 40 ġurnata, u r-rġiel sebât ijiem u ma jqaxxrux leħja kabel 40 ġurnata.

Fdik id-dar jiġi mqassam ħafna qamħ, koċċija u ħobż tant kemm il-familja tista' tonfoq.

Il-vistu kien idum ħafna; fost is-sinjuri kien użat ilbies iswed, fost tar-raħal kienu, għal ftit ġranet, jilbsu l-kabozza bil-maqlub.

Jekk il-familja kien ikollha żwiemel jaqtgħulhom denbhom.

Bil-mod il-mod dawn id-drawwiet bdew jiġu mneħħija, biċċa billi bdew jidhru żejda u oħrajn biex jagħmlu l-wisgħa għal oħrajn ġodda.

Bosta, fit-testment, kienu jridu li d-dilja ma titneħħiex, li ma jinġibux newwieħa, kien hemm min irid ukoll li jekk isir xi għajdud wara l-mewt, il-familja tħallas somma lil xi kunvent. Min ħaġa u min oħra sakemm il-funerali inbidlu f'tal-lum.

WALTER FAVA.


**IL-MALTI**

QARI LI TOĦROĠ

IL-*GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

DIRETTUR Ġ. MUSCAT AZZOPARDI

ĦLAS 1/6 FIS-SENA — KTIEB WIEĦED -/6

**Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' IL-MALTI, jinbagħtu lil F. S Caruana, 19 Strada Reale, Valletta.**